IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.10.2020
COM(2020) 620 final

ANNEX 2

**ANNESS**

***tal-***

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Unjoni tal-Ugwaljanza:**

**Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni**

{SWD(2020) 530 final}

MT MT

## IL-PORTAFOLL TAL-INDIKATURI

L-objettiv ġenerali ta’ dan il-portafoll ta’ indikaturi huwa li jiġi mmonitorjat il-progress fir-rigward tal-objettivi u l-miri tal-qafas strateġiku tal-UE tar-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv ġenerali, l-Istati Membri jeħtieġ li jimplimentaw għadd ta’ miżuri f’oqsma prijoritarji, li kull wieħed minnhom għandu l-objettiv orizzontali jew settorjali speċifiku tiegħu.

Il-portafoll tal-indikaturi li għandu jintuża biex jitkejjel il-progress lejn dawn l-objettivi ġie żviluppat fil-kuntest tal-Grupp ta’ Ħidma dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-indikaturi tal-parteċipazzjoni tar-Rom u r-rappurtar ikkoordinat mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA). Il-membri tal-Grupp ta’ Ħidma huma l-punti ta’ kuntatt nazzjonali għar-Rom minn 20 Stat Membru u rappreżentanti mill-Uffiċċji tal-Istatistika u l-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-portafoll kien allinjat mal-indikaturi u l-miri kif żviluppati f’inizjattivi rilevanti tal-UE għall-perjodu sal-2030 u fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Ir-rapport sħiħ jinsab f’ https://fra.europa.eu/en/news/2020/roma-working-party-consultations-roma-inclusion-monitoring-framework.

Il-portafoll tal-indikaturi huwa bbażat fuq il-mudell tal-indikatur struttura-proċess-riżultat (S-P-O) irrakkomandat mill-Uffiċċju tan-NU tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) meta jivvaluta l-konformità mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem. Dan il-mudell jippermetti valutazzjoni ta’:

a) l-oqfsa legali u ta’ politika fis-seħħ (indikaturi strutturali);
b) interventi speċifiċi għall-implimentazzjoni (indikaturi tal-proċess);
c) kisbiet, kif esperjenzati mid-detenturi tad-drittijiet (indikaturi tal-eżitu).

**Indikaturi strutturali:** L-oqfsa u l-istrateġiji legali tal-UE u nazzjonali li huma stabbiliti biex jikkonformaw mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (għar-Rom, qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni).

**Indikaturi tal-proċess**: L-interventi u l-azzjonijiet speċifiċi (pereżempju programmi, proġetti, miżuri) stabbiliti biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom billi jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet legali u politiċi msemmija.

**Indikaturi tal-effetti jew tar-riżultati:** Is-sitwazzjoni fil-prattika u kwalunkwe bidla fit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali ta’ individwi b’karatteristiċi speċifiċi, bħall-oriġini etnika fil-każ tar-Rom. Dawn huma fil-biċċa l-kbira indikaturi standard, mimlija b’*data* li tista’ tiġi diżaggregata abbażi ta’ kategoriji differenti ta’ oriġini etnika, sess u età. Fl-Istati Membri fejn din id-*data* ma tkunx disponibbli minflokha tista’ tintuża *data* soċjoekonomika. L-indikaturi għandhom ikunu konformi mal-indikaturi tal-Ewropa 2020 jew kwalunkwe indikatur ta’ wara l-2020 tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll l-oqsma tal-politika settorjali li jwasslu għall-objettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-impjieg.

## OBJETTIVI, INDIKATURI EWLENIN, MIRI U MIŻURI

Il-qafas ta’ monitoraġġ kien imfassal b’mod espliċitu biex jiġi segwit il-progress lejn l-objettivi tal-politika. L-objettivi huma riflessi fl-indikaturi tal-eżitu (ewlenin u sekondarji) u l-miri jistgħu jkunu l-istatus mixtieq li l-Istati Membri jixtiequ jiksbu sal-2030 f’kull qasam tal-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom. Il-qafas huwa bbażat fuq il-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar[1], il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni u l-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom.
Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tal-eżitu huma bbażati fuq stħarriġ iżda jenħtieġ li kkumplimentati b’*data* amministrattiva, pereżempju dwar l-infrastruttura, is-segregazzjoni residenzjali, eċċ.

Indikaturi Ewlenin: Dawn huma indikaturi tal-eżitu li huma bbażati fuq stħarriġ u huma obbligatorji għall-Istati Membri kollha li għalihom din id-*data* hija disponibbli jew tista’ tinġabar fil-futur. Il-pajjiżi li

[1] Il-Kummissjoni Ewropea (2017): Il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar.Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal: Brussell, is-7 ta’ Lulju 2017; SWD(2017) 350.

ma jiġbrux ta' *data* kwantitattiva (diżaggregata skont l-etniċità jew proxy) għandhom jikkunsidraw il-ġbir ta' *data* kwalitattiva u l-formulazzjoni ta' miri lejn indikaturi tal-proċess (ara hawn taħt).

Indikaturi sekondarji tar-riżultati: Dawn huma indikaturi kuntestwali u jikkumplimentaw l-indikaturi ewlenin tal-objettiv. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk jimlewhomx jew le.

Hemm differenza bejn l-obbligu li jimlew l-indikaturi u li jiġbru d-*data* għall-indikaturi. Pereżempju, is-suġġetti tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, fl-aċċess għall-ilma tal-vit, jew fiċ-ċertifikati tat-twelid huma aktar rilevanti f'xi pajjiżi milli f'oħrajn. Barra minn hekk, xi indikaturi sekondarji jistgħu jsiru indikaturi ewlenin jekk ikunu partikolarment rilevanti f'pajjiż speċifiku, pereżempju l-kopertura tal-assigurazzjoni medika.

Indikaturi tal-proċess: Taħlita ta' fatti legali u ekonomiċi, tipi ta' miżuri, kapaċità tal-atturi implimentattivi, livell ta' impenn mal-komunitajiet Rom u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ). Huwa fakultattiv għall-Istati Membri jagħżlux l-indikaturi u l-oqsma tal-interventi ta' politika fi ħdan l-oqfsa strateġiċi tagħhom.

**Tabella1:** Ħarsa ġenerali lejn l-objettivi ewlenin tal-UE u l-indikaturi għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom

| | *Objettivi orizzontali* | | *Indikaturi ewlieni tal-UE* | *Rilevanza tal-SDGs* |
|---|---|---|---|---|
| *1* | Il-ġlieda u l-prevenzjoni tal-**anti-Żingariżmu u tad-diskriminazzjoni** [2] | 1 | Il-proporzjon ta' persuni li ħassewhom iddiskriminati minħabba li kienu Rom fi kwalunkwe qasam kopert fl-istħarriġ f'dawn l-aħħar 12-il xahar | SDG 10.3.1 SDG 16.b.1 |
| | | 2 | Il-proporzjon tal-popolazzjoni ġenerali li ma tħossa skomda bir-Rom bħala ġirien tagħha | |
| *2* | It-tnaqqis **tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali** | 3 | Ir-rata tar-riskju tal-faqar (inqas minn 60 % tad-dħul ekwivalizzat medjan wara trasferimenti soċjali) | SDG 1.2.1 |
| | | 3.1 | Tfal ta' taħt it-18 f'riskju ta' faqar | SDG 1.2.2 |
| | | 4 | Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'unità domestika f'deprivazzjoni materjali severa (ma jistgħux jaffordjaw 4 minn 9 oġġetti, pereżempju ikel, stedina lill-ħbieb, eċċ.)* | SDG 1 |
| | | 4.1 | Tfal ta' taħt it-18 li jgħixu f'deprivazzjoni materjali severa* | SDG 1 |
| *3* | Il-promozzjoni **tal-parteċipazzjoni** permezz tal-emanċipazzjoni, il-bini tal-kooperazzjoni u l-fiduċja | 4 | Il-proporzjon ta' persuni li ħassewhom iddiskriminati (fi kwalunkwe qasam) f'dawn l-aħħar 12 sena u rrappurtaw l-aħħar inċident ta' diskriminazzjoni minħabba li kienu Rom | |
| | | 5 | Indikatur ta' ċittadinanza u parteċipazzjoni attiva LI GĦANDU JIĠI ŻVILUPPAT | |
| | *Objettivi ta' politika settorjali* | | *Indikaturi ewlieni tal-UE* | *Rilevanza tal-SDGs* |
| *4* | Jiżdied l-aċċess effettiv ugwali għal **edukazzjoni** ġenerali inklużiva ta' kwalità | 6 | Il-proporzjon ta' tfal ta' bejn it-tliet snin u l-eta tal-bidu tal-edukazzjoni primarja obbligatorja li jattendu ċentru tal-edukazzjoni bikrija u tal-indukrar tat-tfal | SDG 4.2.2 |
| | | 7 | Il-proporzjon ta' persuni bejn l-20 u l-24 sena li lestew mill-inqas l-edukazzjoni sekondarja għolja | SDG 4.3 |
| | | 8 | Il-proporzjon ta' tfal ta' bejn 6 u 15-il sena li jattendu l-iskejjel fejn "l-istudenti kollha jew il-biċċa l-kbira tagħhom huma Rom" kif irrappurtat minn dawk li wieġbu | |

[2] L-objettivi operazzjonali taħt dan l-objettiv orizzontali jinkludu l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-fastidju, ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda kontra r-Rom; il-promozzjoni (sensibilizzazzjoni dwar) tal-istorja, il-kultura, ir-rikonoxximent u r-rikonċiljazzjoni tar-Rom

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | (pajjiżi magħżula biss) | |
| 5 | Iż-żieda tal-aċċess effettiv ugwali għal **impjiegi** mħallsa ta' kwalità u sostenibbli | 9 | Il-proporzjon ta' persuni li awtoddikjaraw l-istatus ta' attività ewlenija tagħhom bħala 'xogħol bi ħlas' (inkluż xogħol full-time, part-time, impjiegi *ad hoc*, impjieg indipendenti u xogħol okkażjonali jew xogħol f'dawn l-aħħar erba' ġimgħat), 20-64 sena | SDG 8.5 |
| | | 10 | Il-proporzjon ta' żgħażagħ ta' bejn il-15 u d-29 sena*** li l-attività ewlenija attwali tagħhom hija "la f'impjieg, la edukazzjoni u lanqas taħriġ" (NEET) | SDG 8.6.1 |
| | | 11 | Diskrepanza fl-impjiegi skont il-ġeneru: id-differenza fir-rata ta' xogħol imħallas bejn in-nisa u l-irġiel, ta' bejn l-20 u l-64 sena | SDG 8.5 |
| 6 | Tittejjeb is-**saħħa** tar-Rom u jiżdied l-aċċess effettiv għal **servizzi tal-kura tas-saħħa u servizzi soċjali** ta' kwalità | 12 | Differenza fl-istennija tal-għomor mat-twelid (popolazzjoni ġenerali vs. Rom) | |
| | | 13 | Il-proporzjon ta' persuni li għandhom aċċess ristrett għas-servizzi tas-saħħa, GĦANDU JIĠI ŻVILUPPAT | |
| 7 | Jiżdied l-aċċess effettiv ugwali għall-**akkomodazzjoni** adegwata desegregata u għas-**servizzi essenzjali**[3] | 14 | Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'deprivazzjoni tal-akkomodazzjoni (jgħixu f'appartament mudlam ħafna, b'saqaf iqattar/ħitan jew art umdi, bla banju/doċċa, bla toilet fuq ġewwa) | SDG 11.1 |
| | | 15 | Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'unità domestika li ma għandhiex in-numru minimu ta' kmamar skont id-definizzjoni tal-Eurostat ta' ffullar | |
| | | 16 | Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi mingħajr ilma tal-vit fid-dar (pajjiżi magħżula biss) | SDG 6.1.1 |

*Id-data tal-FRA għall-indikaturi tal-popolazzjoni tista' tiġi diżaggregata skont is-**sess, l-età, id-DEGURBA***

**Se tiġi sostitwita b'deprivazzjoni soċjali u materjali (Eurostat [ilc_mdsd07]) u bl-indikatur rispettiv għat-tfal jekk jintuża fir-rappurtar tal-SDG għall-popolazzjoni ġenerali fil-futur*

*** Id-data attwali bbażata fuq stħarriġ tal-FRA tkopri biss il-grupp ta' età ta' bejn is-16 u d-29 sena*

### INDIKATURI APPROSSIMATI

F'pajjiżi fejn il-ġbir ta' *data* etnika huwa impossibbli, tista' tintuża *data* approssimattiva, pereżempju bbażata fuq *data* soċjo-ekonomika. Il-ġbir tad-*data* jista' jsir fi stabbilimenti u f'unitajiet reġjonali identifikati bħala segregati jew b'sehem għoli ta' persuni vulnerabbli. Is-suppożizzjoni sottostanti għandha tkun li l-popolazzjoni f'dawn il-lokalitajiet tinkludi perċentwal għoli ta' Rom jew li huma perċepiti b'mod qawwi bħala Rom u għalhekk huma vulnerabbli għall-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni. Ta' min jinnota li tali *data* approssimattiva tista' tillimita l-ġbir tad-*data* biss għal *data* dwar l-aktar gruppi marġinalizzati u tista' tħalli barra lil dawk li ma humiex ekonomikament imċaħħda iżda li għadhom qed jiffaċċjaw il-konsegwenzi tal-anti-Żingariżmu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum jew meta jiżvelaw l-identità tagħhom. F'każijiet bħal dawn, huwa importanti li d-*data* approssimattiva tiġi kkomplementata b'*data* kwalitattiva u amministrattiva mir-riċerka u b'konsultazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u mal-awtoritajiet lokali. Jekk ikun hemm nuqqas ta' *data* kwantitattiva, il-pajjiżi xorta waħda huma mħeġġa jiġbru *data* kwalitattiva fil-livell tal-indikaturi tal-proċess.

Id-*data* għall-indikaturi kwalitattivi tal-proċess tista' tiġi minn varjetà ta' sorsi. Mill-2016, l-Istati Membri rrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-indikaturi tal-proċess rilevanti għall-oqsma ta' politika sostantivi inklużi fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013 bl-użu ta' formula armonizzata għar-rappurtar online.

[3]Bħall-ilma tal-vit, sanità adegwata, servizzi ta' ġbir u ġestjoni tal-iskart, l-elettriku, il-gass, l-aċċess għat-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali (f'konformità mal-prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali). L-objettiv operattiv taħt dan l-objettiv settorjali huwa l-promozzjoni tal-ġustizzja ambjentali u l-ġlieda kontra l-privazzjoni ambjentali.

Madankollu, anki meta tkun komparabbli bejn il-pajjiżi, din id-*data* tirrappreżenta biss parti żgħira mill-informazzjoni rilevanti għall-proċess li hija meħtieġa għal monitoraġġ serju fil-livell tal-proċess. It-tieni parti tal-ġbir tad-*data* rilevanti għall-proċess, jiġifieri *data* li tirrifletti l-ispeċifiċitajiet tal-isfidi tal-inklużjoni tar-Rom u l-miżuri li jindirizzawhom fi Stati Membri individwali hija daqstant ieħor importanti għall-iżvilupp ta' sistema ta' monitoraġġ nazzjonali serja u għalhekk kruċjali biex il-qafas strateġiku nazzjonali tar-Rom li jkun ta' suċċess. Barra minn hekk, huwa rrakkomandat li s-soċjetà ċivili tar-Rom tkun parti mill-proċess tal-monitoraġġ u tal-iżvilupp tas-sistemi nazzjonali tal-ġbir u l-monitoraġġ tad-*data*. Il-linji gwida dwar it-titjib tal-ġbir u tal-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza ġew ipprovduti mis-sottogrupp dwar id-*data* dwar l-ugwaljanza tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità[4].

Fl-2016, l-Istati Membri bdew jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-indikaturi tal-proċess, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom. Din il-ħidma għandha titkompla fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma tal-FRA dwar l-indikaturi u r-rappurtar.

## OBJETTIVI ORIZZONTALI

### Objettiv 1: Il-ġlieda kontra l-anti-Żingariżmu u d-diskriminazzjoni u l-privenzjoni tagħhom

| Indikaturi Ewlenin: | Il-Popolazzjoni ġenerali |
|---|---|
| 1) Il-proporzjon ta' persuni li ħassewhom iddiskriminati minħabba li kienu Rom fi kwalunkwe qasam kopert fl-istħarriġ f'dawn l-aħħar 12-il xahar | **Potenzjalment FRS**[5] SDG 10.3.1 u 16.b.1 |
| 2) Il-proporzjon tal-popolazzjoni ġenerali li ma tħossa skomda bir-Rom bħala ġirien tagħha | **FRS** |

**Objettiv 1-a: Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-fastidju, ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda kontra r-Rom**

| **Indikaturi tal-eżitu Sekondarji (fakultattiv)** | |
|---|---|
| **Indikatur** | **Il-Popolazzjoni ġenerali** |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li esperjenzaw fastidju mmotivat mill-mibegħda f'mill-inqas 5 azzjonijiet minħabba li huma Rom fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ | mhux applikabbli/potenzjalment FRS<br>SDG 10.3.1<br>SDG 16.b.1 |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena (minn dawk kollha li wieġbu) li kienu attakkati fiżikament minħabba li kienu Rom f'dawn l-aħħar 12-il xahar | mhux applikabbli/potenzjalment FRS<br>SDG 16.1.3 |

| **Indikaturi tal-proċess għall-objettiv 1-a: Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-fastidju, ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda kontra r-Rom** |
|---|
| **Indikatur – Dimensjoni A – Struttura istituzzjonali** |
| • oqsfa strateġiċi nazzjonali dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom jew settijiet ta' dokumenti ta' politika relatati jinkludu b'mod espliċitu miżuri għall-ġlieda kontra l-anti-Żingariżmu;<br>• pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom tal-Istat Membru tal-UE kkonċernat jipprevedi miżuri speċifiċi biex jindirizza l-anti-Żingariżmu u d-diskriminazzjoni; |

[4] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/final_guidelines_4-10-18_without_date_july.pdf .
[5] L-istħarriġ tal-FRA dwar id-Drittijiet Fundamentali.

| |
|---|
| • il-korpi għall-ugwaljanza jimmonitorjaw regolarment l-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom għall-konformità mad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom ta' razziżmu u ksenofobija u rekord tal-każijiet ta' diskriminazzjoni kontra r-Rom;<br>• rapporti u stħarriġ kontra d-diskriminazzjoni jiġu prodotti u rilaxxati regolarment;<br>• l-anti-Żingariżmu huwa rrikonoxxut fl-oqfsa legali, il-politiki, id-dokumenti ta' politika u l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-politika tal-Istati Membri;<br>• l-anti-Żingariżmu huwa pprovdut bħala kategorija fir-reġistrazzjoni tad-*data* dwar ir-reati ta' mibegħda;<br>• il-miżuri speċifiċi biex jindirizzaw l-anti-Żingariżmu u d-diskriminazzjoni għandhom finanzjament allokat;<br>• muniċipalitajiet b'popolazzjoni Rom sinifikanti għandhom kunsillier/i ddedikat/i għar-Rom fost il-persunal tagħhom. |
| **Indikatur – Dimensjoni B – Miżuri u azzjonijiet partikolari** |
| • teżisti sistema aċċessibbli għall-pubbliku għall-monitoraġġ tal-każijiet tal-qorti u tal-ilmenti lill-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza dwar każijiet ta' anti-Żingariżmu;<br>• teżisti u tiffunzjona sistema aċċessibbli għall-pubbliku għall-monitoraġġ tal-każijiet u tal-inċidenti ta' diskriminazzjoni, diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda kontra r-Rom u r-rappurtar tagħhom lill-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza jew lill-uffiċċji tal-Ombudsman, lill-prosekuturi jew lill-pulizija;<br>• teżisti sistema ta' taħriġ tal-uffiċjali tal-pulizija dwar in-nondiskriminazzjoni u r-rikonoxximent tar-reati mmotivati minn preġudizzji b'moduli speċifiċi dwar id-diskriminazzjoni kontra r-Rom;<br>• l-Istati Membri jallokaw ħin ta' xandir lir-Rom fuq il-midja pubbliċi;<br>• l-Istati Membri jimplimentaw kampanji li jżidu s-sensibilizzazzjoni;<br>• għodod għar-rappurtar tad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda huma fis-seħħ u faċilment aċċessibbli;<br>• qed jiġu organizzati inizjattivi/taħriġ bil-parteċipazzjoni tal-kumpaniji tal-IT (Google, Facebook, Twitter, eċċ.) sabiex jiġi identifikat aħjar il-kontenut kontra ż-żingari fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali;<br>• inizjattivi/taħriġ dwar il-qbid u l-indirizzar ta' każijiet ta' anti-Żingariżmu u diskors ta' mibegħda qed jiġu organizzati għall-operaturi tal-midja. |
| **Indikatur - Dimensjoni C - Kwalità tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet** |
| • L-OSĊ tar-Rom huma involuti b'mod attiv fl-iżvilupp ta' miżuri speċifiċi biex jindirizzaw l-anti-Żingariżmu u d-diskriminazzjoni;<br>• Is-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-programm operattiv tal-fondi tal-UE li taħtu qed jiġu implimentati l-miżuri speċifiċi biex jindirizzaw l-anti-Żingariżmu u d-diskriminazzjoni;<br>• Is-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-monitoraġġ tar-riżultati tal-miżuri implimentati. |

**Objettiv 1-b: Il-promozzjoni tal-għarfien tal-istorja, il-kultura, ir-rikonoxximent u r-rikonċiljazzjoni tar-Rom**

| **Indikaturi tal-eżitu: Sekondarji (fakultattivi): Għad ma hemmx indikaturi żviluppati f'dan il-qasam, pero xi oqsma tematiċi possibbli għall-iżvilupp ta' dawn l-indikaturi jinkludu:** |
|---|
| • għarfien fost il-popolazzjoni ġenerali li r-Rom huma minoranza nazzjonali rikonoxxuta;<br>• għarfien fost il-popolazzjoni ġenerali dwar l-istorja, il-letteratura, l-arti, il-kultura, il-mużika u l-politika tar-Rom;<br>• parteċipazzjoni tal-popolazzjoni ġenerali fil-festival kulturali tar-Rom u avvenimenti pubbliċi oħra;<br>• għarfien fost il-popolazzjoni ġenerali li l-lingwa tar-Rom hija lingwa rikonoxxuta mhux territorjali skont il-Karta tal-Kunsill tal-Ewropa għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji;<br>• għarfien fost il-popolazzjoni ġenerali dwar l-Olokawst tar-Rom. |

| **Indikaturi tal-proċess għall-objettiv 1-b: Il-promozzjoni tal-għarfien tal-istorja, il-kultura, ir-rikonoxximent u r-rikonċiljazzjoni tar-Rom** |
|---|
| **Indikatur – Dimensjoni A – Struttura istituzzjonali** |
| • oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom jew id-dokumenti ta' politika relatati jinkludu b'mod espliċitu miżuri b'indikaturi u miri li jippromwovu l-għarfien tal-istorja u tal-kultura tar-Rom;<br>• l-Olokawst tar-Rom huwa rrikonoxxut u l-ġranet ta' tifkira tiegħu huma parti mill-kalendarju uffiċjali tal-btajjel statali;<br>• hemm monumenti jew imfakar tal-Olokawst tar-Rom;<br>• il-kontribut tal-personalitajiet tar-Rom għall-istorja tal-Istat Membru huwa rrikonoxxut u parti mill-kalendarju uffiċjali tal-btajjel statali;<br>• l-istorja, il-kultura u l-arti tar-Rom huma parti mill-kurrikuli formali fl-iskejjel, fl-universitajiet u fil-korsijiet akkademiċi;<br>• jeżistu inizjattivi kulturali tar-Rom fil-kalendarji rilevanti tal-avvenimenti kulturali prinċipali nazzjonali;<br>• jeżistu Kummissjonijiet tal-Esperti dwar l-Anti-żingariżmu (kummissjonijiet għall-verità, ir-rikonoxximent u r-rikonċiljazzjoni) u joperaw biex joħolqu fehim aktar profond tal-ostakli u tal-mekkaniżmi tal-esklużjoni fl-Istat Membru;<br>• jeżistu l-istrutturi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji;<br>• iseħħu skambji regolari dwar suġġetti relatati mal-arti, il-kultura u l-istorja tar-Rom fil-korpi konsultattivi tal-gvern nominati, bil-objettiv li jkollhom impatt fuq il-politika;<br>• baġit annwali tal-Istat huwa disponibbli u allokat biex jappoġġja l-organizzazzjonijiet kulturali tar-Rom li jippromwovu l-kultura tar-Rom;<br>• baġit annwali tal-Istat huwa disponibbli u allokat għall-midja lokali tar-Rom (stampa, onlajn, TV, radju);<br>• baġit tal-belt u tal-lokal huwa disponibbli u allokat għall-midja lokali tar-Rom u l-promozzjoni tal-arti u l-kultura tar-Rom;<br>• ministeri u aġenziji tal-istat li għandhom il-portafoll taż-żgħażagħ għandhom dipartimenti bil-kompitu espliċitu li jinkludu liż-żgħażagħ Rom u li jibnu l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ Rom. |
| **Indikatur – Dimensjoni B – Miżuri u azzjonijiet partikolari** |
| • l-iskejjel jgħallmu dwar l-istorja u l-kultura tar-Rom;<br>• it-tagħlim tal-lingwa tar-Rom jiġi offrut bla ħlas fl-iskejjel;<br>• l-għalliema u l-persunal tal-iskejjel huma mħarrġa dwar l-edukazzjoni inklużiva u d-diversità;<br>• l-għalliema u l-persunal tal-iskola huma mħarrġa dwar il-kultura u l-istorja tar-Rom, inkluża l-istorja tal-Olokawst tar-Rom;<br>• l-opportunitajiet ta' taħriġ relatati mal-arti, il-kultura u l-istorja tar-Rom jiġu pprovduti lill-uffiċjali pubbliċi, lill-għalliema, lill-uffiċjali tal-pulizija, eċċ.;<br>• ħin tax-xandir riżervat fuq il-midja pubblika għall-arti u għall-kultura tar-Rom huwa disponibbli u allokat;<br>• ħin tax-xandir riżervat fuq il-midja pubblika għall-aħbarijiet fil-lingwa tar-Rom huwa disponibbli u allokat;<br>• opportunitajiet ta' ħin fuq il-palk fil-festivals huma riżervati għall-inklużjoni tal-kultura tar-Rom, bl-appoġġ tal-fondi pubbliċi;<br>• il-proporzjon ta' narrattivi pożittivi kontra negattivi dwar ir-Rom jiżdied fil-midja u fl-istampa ġenerali. |
| **Indikatur - Dimensjoni C - Kwalità tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet** |
| • L-OSĊ huma kkonsultati dwar il-ħtieġa li jiġi allokat baġit tal-Istati Membri b'sostenn għall-arti u l-kultura tar-Rom;<br>• korpi konsultattivi tal-gvern li jipprovdu feedback dwar l-allokazzjoni tal-baġit tal-Istat b'sostenn |

| |
|---|
| tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom jistgħu jressqu l-proposti tagħhom dwar proġetti relatati mal-arti u mal-kultura tar-Rom;<br>• jiġu żviluppati miżuri speċifiċi għall-promozzjoni tal-arti, tal-kultura u tal-avvenimenti kommemorattivi tar-Rom fi sħubija mal-OSĊ tar-Rom u ma' dawk li salvaw l-Olokawst tar-Rom u/jew id-dixxendenti tagħhom;<br>• L-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp ta' miżuri speċifiċi għall-promozzjoni tal-arti u tal-kultura tar-Rom u tal-allokazzjoni tal-finanzjament għalihom;<br>• L-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-monitoraġġ tar-riżultati tal-miżuri implimentati taħt dan l-objettiv operattiv. |

### Objettiv 2: It-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali

| **Indikaturi Ewlenin:** | **Il-Popolazzjoni ġenerali:** |
|---|---|
| **3) Rata ta' riskju ta' faqar (inqas minn 60 % tad-dħul ekwivalizzat medjan wara trasferimenti soċjali)** | **Eurostat** [ilc_li02]<br>SDG 1.2.1 |
| **3.1) Tfal ta' taħt it-18 f'riskju ta' faqar** | **Eurostat** [ilc_li02]<br>SDG 1.2.2 |
| **4) Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'unità domestika f'deprivazzjoni materjali severa[6] (ma jistgħux jaffordjaw 4 minn 9 oġġetti, pereżempju ikel, stedina lill-ħbieb, eċċ.)**<br>**4.1) Tfal ta' taħt it-18 li jgħixu f'deprivazzjoni materjali severa** | **Eurostat** [ilc_mddd11]<br>SDG 1<br><br>**Eurostat** [ilc_mddd11]<br>SDG 1 |

| **Indikaturi tal-eżitu<br>Sekondarji (fakultattiv)** | |
|---|---|
| **Indikatur** | **Il-Popolazzjoni ġenerali** |
| Proporzjon ta' nies li jgħixu f'unità domestika li ma jistgħux jaffordjaw ikla bil-laħam, bit-tiġieġ, bil-ħut (jew ekwivalenti veġetarjan) kull jumejn | **Eurostat** [ilc_mdes03] |
| Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'unità domestika fejn mill-inqas persuna waħda marret torqod bil-ġuħ fix-xahar li għadda minħabba li ma kienx hemm biżżejjed flus għall-ikel | mhux applikabbli/FRS |
| Il-proporzjon ta' tfal li għandhom bejn 0 u 17-il sena li jgħixu f'unità domestika fejn mill-inqas persuna waħda marret torqod bil-ġuħ fix-xahar li għadda minħabba li ma kienx hemm biżżejjed flus għall-ikel | mhux applikabbli/FRS |
| Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'unità domestika li jirnexxilhom ilaħħqu mal-ħajja f'(ħafna) diffikultà | **Eurostat** [ilc_mdes09] |
| Il-proporzjon ta' persuni li ma għandhomx kont bankarju | mhux applikabbli/FRS |

| **Indikaturi tal-proċess għall-objettiv orizzontali 2: It-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali** |
|---|
| **Indikatur – Dimensjoni A – Struttura istituzzjonali** |
| • l-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom jew id-dokumenti ta' politika relatati jinkludu b'mod espliċitu miżuri b'indikaturi u miri għat-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali fost ir-Rom, b'fokus espliċitu fuq il-faqar tat-tfal;<br>• linji gwida dwar il-protezzjoni soċjali u l-implimentazzjoni tal-assistenza jinkludu dispożizzjonijiet |

[6]Se tiġi sostitwita b'deprivazzjoni soċjali u materjali (Eurostat [ilc_mdsd07]) u bl-indikatur rispettiv għat-tfal jekk jintuża fir-rappurtar tal-SDG għall-popolazzjoni ġenerali fil-futur

| |
|---|
| kontra d-diskriminazzjoni biex jiġi żgurat aċċess ugwali għar-Rom;<br>• mekkaniżmu li jiggarantixxi l-aċċess għal kont bankarju huwa fis-seħħ;<br>• qed jiġu pprovduti garanziji bankarji għall-mikrokreditu għall-unitajiet domestiċi bi dħul baxx. |
| **Indikatur – Dimensjoni B – Miżuri u azzjonijiet partikolari** |
| • hemm fis-seħħ programm ta' ikel u nutrizzjoni għat-tfal tal-iskola;<br>• taħriġ immirat għall-indirizzar tad-diskriminazzjoni u tal-anti-Żingariżmu huwa organizzat għall-persunal tas-servizzi soċjali;<br>• jiġu implimentati miżuri nazzjonali speċifiċi biex jitqies il-faqar interġenerazzjonali u l-ħtieġa li jiġu appoġġjati t-tfal Rom u l-familji tagħhom fir-rigward tal-edukazzjoni, tal-akkomodazzjoni, tas-saħħa u tat-tnaqqis tal-faqar;<br>• qed jiġi pprovdut taħriġ dwar il-litteriżmu finanzjarju u appoġġ għall-inklużjoni finanzjarja. |
| **Indikatur - Dimensjoni C - Kwalità tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet** |
| • hemm fis-seħħ miżuri li jiżguraw il-parteċipazzjoni tar-Rom fl-iżvilupp ta' reazzjonijiet ta' politika fil-qasam tal-inklużjoni soċjali/it-tnaqqis tal-faqar;<br>• il-miżuri speċifiċi fil-qasam tat-tnaqqis tal-faqar u tal-inklużjoni soċjali (b'mod partikolari dawk li jimmiraw lejn ir-Rom f'riskju għoli ta' marġinalizzazzjoni) huma żviluppati bi sħubija mal-OSĊ tar-Rom;<br>• isiru interventi fil-qasam tat-tnaqqis tal-faqar u tal-inklużjoni soċjali (b'mod partikolari dawk immirati lejn ir-Rom li jinsabu f'riskju għoli ta' marġinalizzazzjoni) bil-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-komunità Rom;<br>• l-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-programm operattiv tal-fondi tal-UE li permezz tiegħu qed jiġu implimentati l-miżuri speċifiċi għat-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali (b'mod partikolari dawk immirati lejn ir-Rom li jinsabu f'riskju għoli ta' marġinalizzazzjoni);<br>• l-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-monitoraġġ tar-riżultati tal-miżuri implimentati biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali (b'mod partikolari dawk immirati lejn ir-Rom li jinsabu f'riskju għoli ta' marġinalizzazzjoni);<br>• istituzzjonijiet u amministrazzjoni tal-Gvern (ċentrali u lokali) jinkludu kontribut mis-soċjetà ċivili, min-negozji u mill-industrija tar-Rom, mill-akkademja u mir-riċerka fil-proċessi tagħhom tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-inklużjoni soċjali/it-tnaqqis tal-faqar. |

**Objettiv 3: Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni permezz tal-emanċipazzjoni u tal-bini tal-kooperazzjoni u tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi**

| **Indikatur ewlieni:** | **Il-Popolazzjoni ġenerali** |
|---|---|
| **5) Il-proporzjon ta' persuni li ħassewhom iddiskriminati (fi kwalunkwe qasam) f'dawn l-aħħar 12-il xahar u rrappurtaw l-aħħar inċident ta' diskriminazzjoni minħabba li huma Rom** | mhux applikabbli/potenzjalment FRS |
| **6) Indikatur taċ-ċittadinanza u tal-parteċipazzjoni attiva LI GĦANDU JIĠI ŻVILUPPAT** | Potenzjalment FRS |

| **Indikaturi tal-eżitu<br>Sekondarji (fakultattiv)** | |
|---|---|
| **Indikatur** | **Il-Popolazzjoni ġenerali** |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li ma rrappurtawx l-aktar inċident riċenti ta' fastidju minħabba li huma Rom (mill-persuni kollha li esperjenzaw fastidju) | mhux applikabbli/potenzjalment FRS |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li ma rrappurtawx l-aktar inċident reċenti ta' attakk fiżiku minħabba li huma Rom | mhux applikabbli/potenzjalment FRS<br>SDG 16.3.1 |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li kienu minn tal-inqas jafu b'korp wieħed għall-ugwaljanza, istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem jew uffiċċju tal-Ombudsperson | Potenzjalment FRS |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li għandhom tendenza li jafdaw lill-pulizija | **Eurostat** [Ilc_pw03] |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li għandhom tendenza li jafdaw is-sistema ġudizzjarja | **Eurostat** [Ilc_pw03] |
| **Indikaturi oħra relatati mal-parteċipazzjoni li għandhom jiġu żviluppati:**<br>Il-proporzjon ta' persuni li huma impjegati fis-servizzi pubbliċi (kategorija O tan-NACE[7])<br>Il-proporzjon ta' persuni impjegati bħala professjonisti jew maniġers (ISCO[8] 8+9)<br>Il-proporzjon ta' persuni li vvutaw fl-elezzjonijiet nazzjonali (l-aktar reċenti) | **Eurostat** [lfsa_eisn2] |

| **Indikaturi tal-proċess għall-objettiv orizzontali 3: Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni permezz tal-emanċipazzjoni u tal-bini tal-kooperazzjoni u tal-fiduċja** |
|---|
| **Indikatur – Dimensjoni A – Struttura istituzzjonali** |
| • l-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom jew id-dokumenti ta' politika relatati jinkludu b'mod espliċitu miżuri b'indikaturi u miri li jippromwovu l-parteċipazzjoni permezz tal-emanċipazzjoni u tal-bini tal-kooperazzjoni u tal-fiduċja<br>• NGOs fil-livell lokali u komunitarju involuti fil-monitoraġġ ċivili koordinat madwar l-UE kollha |

[7] NACE huwa akronimu użat biex jindika d-diversi klassifikazzjonijiet statistiċi tal-attivitajiet ekonomiċi żviluppati mill-1970 fl-Unjoni Ewropea (UE); https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/NACE sfond

[8] Il-klassifikazzjoni Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO); http://www.ilo.org/public/english/bureau/stat/isco/

| |
|---|
| tal-implimentazzjoni tal-istrateġija;<br>• rappreżentanti tal-OSĊ tar-Rom huma regolarment mistiedna jipparteċipaw bħala membri sħaħ fil-kumitati ta' monitoraġġ nazzjonali tal-fondi tal-UE;<br>• Fil-muniċipalitajiet bi proporzjon għoli ta' Rom fil-popolazzjoni, il-funzjoni tal-medjaturi Rom hija kariga uffiċjali mal-amministrazzjonijiet lokali;<br>• muniċipalitajiet bi proporzjon għoli ta' Rom fil-popolazzjoni għandhom kariga waħda jew aktar ta' kunsillier Rom iddedikat fost il-persunal tagħhom;<br>• partiti politiċi prinċipali jwiegħdu li jpoġġu kandidati Rom fil-listi elettorali f'postijiet eleġġibbli għal elezzjonijiet għall-parlamenti u korpi rappreżentattivi reġjonali/muniċipali;<br>• bliet u muniċipalitajiet bi proporzjon għoli ta' Rom fil-popolazzjoni jinkludu korpi konsultattivi tar-Rom jew koordinaturi tal-politika tar-Rom fl-istruttura istituzzjonali tagħhom, biex jimplimentaw il-politika tal-inklużjoni tar-Rom.<br>• teżisti u topera b'mod effettiv aġenzija speċjalizzata b'mandat sabiex ittejjeb il-fiduċja u l-emanċipazzjoni lir-Rom;<br>• l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-uffiċċju tal-Ombudsman u l-korp tal-ugwaljanza jikkonsultaw regolarment mas-soċjetà ċivili dwar is-sitwazzjoni tar-Rom u/jew jinvolvu lis-soċjetà ċivili tar-Rom f'konsultazzjoni regolari;<br>• il-mekkaniżmu ta' appoġġ legali biex jiġu indirizzati każijiet ta' anti-Żingariżmu għandu r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jopera b'mod effettiv;<br>• hemm fis-seħħ mekkaniżmi li jiżguraw u jinkoraġġixxu l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-Rom/pro-Rom fil-monitoraġġ ikkoordinat tal-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom u fil-monitoraġġ u fir-rappurtar tad-diskors ta' mibegħda online;<br>• jiġi allokat baġit għall-appoġġ tas-soċjetà ċivili fi proġetti li għandhom l-objettiv li jemanċipaw lir-Rom u jibnu l-kooperazzjoni u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi;<br>• jiġi allokat baġit għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni bil-objettiv li jitkissru l-isterjotipi tar-Rom. |
| **Indikatur – Dimensjoni B – Miżuri u azzjonijiet partikolari** |
| • perċentwali ta' każijiet irrappurtati li jirriżultaw f'każijiet legali;<br>• taħriġ dwar l-anti-Żingariżmu u l-antidiskriminazzjoni għal dawk li jġorru xi responsabbiltà. |
| **Indikatur - Dimensjoni C - Kwalità tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet** |
| • mekkaniżmi li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tar-Rom fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-politika fil-livell nazzjonali huma ddefiniti b'mod espliċitu fl-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom;<br>• hemm mekkaniżmu li jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tar-Rom fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ ta' kwalunkwe politika li tħalli impatt fuq is-sitwazzjoni tagħhom fil-livell lokali;<br>• hemm parteċipazzjoni tar-Rom fil-kunsilli tal-midja;<br>• l-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-monitoraġġ tar-riżultati tal-miżuri implimentati taħt dan l-objettiv orizzontali;<br>• parteċipazzjoni tar-Rom fil-pożizzjonijiet ta' ġestjoni jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw attivitajiet fil-qasam tal-inklużjoni tar-Rom;<br>• ir-Rom jingħataw impjieg fil-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NRCP) u f'istituzzjonijiet oħra relatati mal-inklużjoni tar-Rom;<br>• inħolqu pjanijiet lokali (f'konformità mal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom) u qed jiġu implimentati mill-awtoritajiet lokali b'kollaborazzjoni mal-OSĊ tar-Rom, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fil-livell lokali. |

## Objettivi ta' politika settorjali

### Objettiv 4: Jiżdied l-aċċess effettiv ugwali għal edukazzjoni ġenerali inklużiva ta' kwalità

| Indikatur ewlieni: | Il-Popolazzjoni ġenerali |
|---|---|
| **7) Il-proporzjon ta' tfal ta' bejn it-tliet snin u l-eta tal-bidu tal-** | **Eurostat** [sdg_04_30]<br>SDG 4.2.2 |

| | | |
|---|---|---|
| | **edukazzjoni primarja obbligatorja li jattendu ċentru tal-edukazzjoni bikrija u tal-indukrar tat-tfal** | |
| **8)** | **Il-proporzjon ta' persuni li għandhom bejn 20 u 24 sena li lestew mill-inqas l-edukazzjoni sekondarja għolja** | **Eurostat** [edat_lfs_9903] SDG 4.3 |
| **9)** | **Il-proporzjon ta' tfal li għandhom bejn sitt snin u 15-il sena li jattendu l-iskejjel fejn "l-istudenti kollha jew ħafna minnhom huma Rom" kif irrappurtat mir-rispondenti (pajjiżi magħżula biss)** | **Mhux applikabbli** |

| **Indikaturi tal-eżitu<br>Sekondarji (fakultattiv)** | |
|---|---|
| **Indikatur** | **Il-Popolazzjoni ġenerali** |
| Il-proporzjon ta' tfal tal-età tal-iskola obbligatorja (ħames snin sa 18-il sena) li jattendu l-edukazzjoni, li huma membri ta' unità domestika (skont il-pajjiż) | mhux applikabbli |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li ħassewhom iddiskriminati minħabba li huma Rom f'dawn l-aħħar 12-il xahar, meta ġew f'kuntatt mal-awtoritajiet tal-iskola (bħala ġenitur/gwardjan jew student) | mhux applikabbli/potenzjalment FRS |
| Dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, li għandhom bejn 18 u 24 sena | **Eurostat** [edat_lfse_14] |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom bejn 30 u 34 sena li lestew l-edukazzjoni terzjarja | **Eurostat** [t2020_41] |
| Prevalenza ta' bullying/fastidju tat-tfal immotivat mill-mibegħda (minħabba li huma Rom) waqt l-iskola f'dawn l-aħħar 12-il xahar, mir-rispondenti kollha li huma ġenituri/gwardjani ta' tfal tal-età tal-iskola | mhux applikabbli/ FRS |
| **Għad trid tiġi żviluppata aktar:**<br>• Il-proporzjon ta' tfal fl-età tal-iskola li jgħixu f'unità domestika mingħajr kompjuter<br>• Il-proporzjon ta' tfal ta' età tal-iskola li jgħixu f'unità domestika mingħajr aċċess għall-internet<br>• Il-proporzjon ta' żgħażagħ Rom ta' bejn 16 u 24 sena li jgħixu f'unità domestika mingħajr kompjuter<br>• Il-proporzjon ta' żgħażagħ Rom li għandhom bejn 16 u 24 li jgħixu f'unità domestika mingħajr aċċess għall-internet | |

| **Indikaturi tal-proċess għall-objettiv 4: Iż-żieda tal-parteċipazzjoni effettiva tar-Rom fl-edukazzjoni mainstream inklużiva ta' kwalità** |
|---|
| **Indikatur – Dimensjoni A – Struttura istituzzjonali** |
| • L-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom jipprevedu l-monitoraġġ tal-inklużività tal-politiki tal-edukazzjoni mainstream;<br>• jeżisti programm ta' desegregazzjoni nazzjonali/reġjonali;<br>• qed jiġi implimentat pjan nazzjonali għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tad-dijanjosi ħażina li twassal biex studenti Rom jingħataw edukazzjoni għat-tfal bi bżonnijiet speċjali;<br>• jesiżtu programmi ta' azzjoni affermattiva biex għalliema Rom jiġu impjegati fl-edukazzjoni mainstream;<br>• il-funzjonijiet tal-medjaturi tar-Rom fl-iskejjel u tal-assistenti tat-tagħlim ikunu integrati fis-sistema edukattiva; |

| |
|---|
| • is-salvagwardji u l-kriterji espliċiti biex il-politiki tal-edukazzjoni mainstream ikunu inklużivi huma riflessi fl-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom;<br>• teżisti sistema li tiggarantixxi liż-żgħażagħ Rom post fl-edukazzjoni sekondarja għolja jew vokazzjonali, u li tappoġġja l-attendenza tagħhom, b'enfasi fuq il-bniet;<br>• teżisti sistema li tappoġġja lir-Rom li jixtiequ jkomplu bl-edukazzjoni ogħla permezz ta' boroż ta' studju, mentoring u konsulenza, b'enfasi fuq il-bniet. |
| **Indikatur – Dimensjoni B – Miżuri u azzjonijiet partikolari** |
| • jeżistu miżuri biex jiġi żgurat l-aċċess effettiv tar-Rom għall-edukazzjoni mainstream inklużiva ta' kwalità bl-objettiv fit-tul li jintlaħaq l-istess livell effettiv ta' aċċess bħal dak tal-popolazzjoni ġenerali;<br>• Jeżistu u huma operattivi salvagwardji li jiżguraw l-aċċess ugwali u effettiv tat-tfal Rom għall-edukazzjoni u għall-indukrar bikrin tat-tfal;<br>• jingħata taħriġ immirat lejn il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u tal-anti-Żingariżmu fl-edukazzjoni lill-għalliema u lil persunal ieħor tal-edukazzjoni;<br>• l-għalliema jiġu mħarrġa biex jiżguraw/jużaw approċċ edukattiv inklużiv;<br>• jingħata appoġġ pedagoġiku individwali minn persunal kwalifikat fl-edukazzjoni mainstream lill-istudenti Rom;<br>• jeżistu kurrikuli u materjali ta' tagħlim li jindirizzaw il-kultura, l-istorja u l-lingwa tar-Rom;<br>• hemm fis-seħħ miżuri li jippromwovu l-aċċess tat-tfal Rom għall-attivitajiet extrakurrikulari, kulturali u ta' divertiment f'qafas multikulturali;<br>• Ir-Rom jibbenefikaw minn programmi ta' appoġġ (bħal boroż ta' studju u mentoring, inkluż dwar il-litteriżmu diġitali);<br>• hemm baġit allokat għall-ġlieda kontra r-razziżmu kontra r-Rom fl-iskejjel;<br>• jiġu pprovduti boroż ta' studju biex jappoġġjaw lir-Rom irreġistrati fl-università;<br>• l-istudji dwar ir-Romaloġija jew ir-Rom huma parti minn programmi fil-livell universitarju;<br>• it-tagħlim tal-lingwa tar-Rom jiġi offrut bla ħlas fl-iskejjel;<br>• hemm fis-seħħ miżuri mmirati li jappoġġjaw it-taħriġ informali u li jiċċertifikaw il-ħiliet miksuba fil-prattika. |
| **Indikatur - Dimensjoni C - Kwalità tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet** |
| • hemm fis-seħħ miżuri li jiżguraw il-parteċipazzjoni tar-Rom fl-iżvilupp ta' reazzjonijiet politiċi fil-qasam tal-edukazzjoni;<br>• l-ispettorati tal-iskejjel jipparteċipaw fil-monitoraġġ tar-riżultati tal-miżuri implimentati taħt dan l-objettiv;<br>• L-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-programm operattiv tal-fondi tal-UE li permezz tiegħu qed jiġu implimentati l-miżuri speċifiċi għall-promozzjoni tal-aċċess ugwali għall-edukazzjoni (b'mod partikolari l-ġlieda kontra s-segregazzjoni u l-promozzjoni tal-edukazzjoni inklużiva fl-istadji kollha) |

**Objettiv 5: Jiżdied l-aċċess effettiv għal impjieg ta' kwalità u sostenibbli;**

| **Indikatur ewlieni:** | **Il-Popolazzjoni ġenerali** |
|---|---|
| **10) Il-proporzjon ta' persuni ta' età bejn l-20 u l-64 sena li awtoddikjaraw l-istatus tal-attività ewlenija tagħhom bħala 'xogħol imħallas' (inkluż xogħol full-time, part-time, impjiegi *ad hoc*, impjieg indipendenti u xogħol okkażjonali jew xogħol f'dawn l-aħħar erba' ġimgħat)** | **L-Eurostat**<br>[lfsa_ergan]<br>SDG 8.5 |
| **11) Il-proporzjon taż-żgħażagħ li għandhom bejn 15 u 29 sena* li l-attività ewlenija attwali tagħhom hija "la f'impjieg, la edukazzjoni u lanqas taħriġ" (NEET)** | **Eurostat**<br>[edat_lfse_20]<br>SDG 8.6.1 |
| **12) Diskrepanza fl-impjiegi skont il-ġeneru: Id-differenza fir-rata ta' xogħol imħallas bejn in-nisa u l-irġiel li għandhom bejn 20 u 64 sena** | **L-Eurostat**<br>[lfsa_ergan]<br>SDG 8.5 |

| | |
|---|---|
| **Indikaturi tal-eżitu**<br>**Sekondarji (fakultattiv)** | |
| **Indikatur** | **Il-Popolazzjoni ġenerali** |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li ħassewhom iddiskriminati minħabba li huma Rom f'dawn l-aħħar 12-il xahar waqt ix-xogħol | mhux applikabbli/potenzjalment FRS |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li ħassewhom iddiskriminati minħabba li huma Rom meta kienu qed ifittxu impjieg f'dawn l-aħħar 12-il xahar | mhux applikabbli/potenzjalment FRS |
| **Għandhom jiġu żviluppati indikaturi oħra dwar il-kwalità tax-xogħol:** kuntratti permanenti, xogħol kwalifikat, proporzjon ta' persuni li jaħdmu fis-servizzi pubbliċi, faqar fost dawk li jaħdmu u edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali | |

| **Indikaturi tal-proċess għall-objettiv 5: Iż-żieda tal-parteċipazzjoni effettiva tar-Rom f'impjiegi mħallsa ta' kwalità u sostenibbli** |
|---|
| **Indikatur – Dimensjoni A – Struttura istituzzjonali** |
| • jeżisti mekkaniżmu għall-appoġġ tal-impjiegi ta' kwalità tar-Rom u jibbenefika mir-riżorsi finanzjarji meħtieġa;<br>• organizzazzjonijiet tar-Rom jipparteċipaw bħala osservaturi fit-trejdjunjins u fil-kummissjonijiet tripartitiċi;<br>• hemm fis-seħħ programmi ta' mentoring u ta' żvilupp tal-karriera li jappoġġjaw l-impjieg ta' professjonisti Rom fl-amministrazzjoni pubblika<br>• hemm fis-seħħ mekkaniżmi li jappoġġjaw l-impjieg tar-Rom bħala persunal full-time fl-uffiċċji tax-xogħol u f'fergħat oħra tal-amministrazzjoni li jiffaċilitaw l-aċċess għall-impjiegi;<br>• jeżistu pożizzjonijiet ta' "medjatur għall-impjiegi u ż-żgħażagħ" tar-Rom fl-istruttura amministrattiva tal-muniċipalitajiet bi proporzjon għoli ta' Rom fil-popolazzjoni;<br>• jeżistu skemi li jappoġġjaw negozji żgħar ġodda u inizjattivi intraprenditorjali tar-Rom. |
| **Indikatur – Dimensjoni B – Miżuri u azzjonijiet partikolari** |
| • hemm fis-seħħ miżuri mmirati biex jappoġġjaw l-intraprenditorija tar-Rom u l-impjieg indipendenti, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ;<br>• hemm fis-seħħ miżuri mmirati biex jappoġġjaw il-formalizzazzjoni tal-impjieg informali eżistenti;<br>• hemm fis-seħħ miżuri mmirati biex jappoġġjaw l-impjieg tar-Rom fl-amministrazzjoni pubblika;<br>• skemi ta' xogħol mal-gvern, immirati lejn lokalitajiet bi proporzjon għoli ta' Rom, bi strateġiji espliċiti ta' tmiem u b'enfasi fuq il-bini tal-ħiliet u l-kwalifiki;<br>• qed jiġu implimentati, u jingħataw riżorsi, programmi li jgħinu biex tinkiseb l-ewwel esperjenza ta' xogħol, kollokament f'impjieg u apprendistati u l-iżvilupp tal-karriera, mmirati lejn iż-żgħażagħ Rom;<br>• qed jiġu implimentati programmi li jappoġġjaw lil min iħaddem b'mod inklużiv u jinkoraġġixxu opportunitajiet indaqs fuq il-post tax-xogħol;<br>• qed jiġu organizzati kampanji ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ għas-servizzi tal-impjiegi, għat-trejdjunjins u għal min iħaddem, immirati lejn l-indirizzar tad-diskriminazzjoni u tal-anti-Żingariżmu fis-suq tax-xogħol<br>• jeżistu skemi ta' mikroself għan-negozji ż-żgħar li jimmiraw b'mod espliċitu lejn il-komunitajiet Rom u li dawn l-iskemi huma operattivi bis-sħiħ. |
| **Indikatur - Dimensjoni C - Kwalità tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet** |
| • hemm fis-seħħ miżuri li jiżguraw il-parteċipazzjoni tar-Rom fl-iżvilupp ta' reazzjonijiet ta' politika fil-qasam tal-impjiegi;<br>• L-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-kumitati tal-monitoraġġ tal-programm operattiv tal-fondi tal-UE |

| |
|---|
| li permezz tiegħu qed jiġu implimentati l-miżuri speċifiċi biex tiżdied il-parteċipazzjoni effettiva tar-Rom fl-impjiegi mħallsa ta' kwalità u sostenibbli;<br>• L-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-monitoraġġ tar-riżultati tal-miżuri implimentati;<br>• fil-proċessi tagħhom tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-impjiegi, l-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni tal-gvern (ċentrali u lokali) jinkludu kontribut mis-soċjetà ċivili tar-Rom u b'mod partikolari mill-intraprendituri u mill-professjonisti Rom li rnexxew |

*Id-*data* attwali bbażata fuq stħarriġ tal-FRA tkopri biss il-grupp fl-età ta' bejn 16 u 29 sena

### Objettiv 6: It-titjib tas-saħħa tar-Rom u ż-żieda tal-aċċess effettiv tar-Rom għal servizzi tal-kura tas-saħħa

| **Indikatur ewlieni:** | **Il-popolazzjoni ġenerali** |
|---|---|
| **13) Differenza fl-istennija tal-għomor mat-twelid (popolazzjoni ġenerali vs. Rom)** | **Bażi ta'** ***Data*** **dwar il-Mortalità tal-Bniedem/Eurostat [demo_mlexpec]** |
| **14) Il-proporzjon ta' persuni li għandhom aċċess ristrett għas-servizzi tas-saħħa, GĦANDU JIĠI ŻVILUPPAT** | **mhux applikabbli**/potenzjalment FRS |
| **Indikaturi tal-eżitu<br>Sekondarji (fakultattiv)** | |
| **Indikatur** | **Il-popolazzjoni ġenerali** |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li jivvalutaw saħħithom b'mod ġenerali bħala "tajba ħafna" jew "tajba" | **Eurostat** [hlth_silc_01] |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena b'kopertura ta' assigurazzjoni medika | **OECD [ECHI 76]** |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li ħassewhom iddiskriminati minħabba li huma Rom f'dawn l-aħħar 12-il xahar meta aċċessaw is-servizzi tas-saħħa | **mhux applikabbli**/potenzjalment FRS |
| **Għandha tiġi żviluppata aktar:**<br>Il-proporzjon ta' nisa Rom li welldu l-ewwel tarbija tagħhom qabel l-età ta' 20 sena.<br>Ħtieġa medika mhux issodisfata | **Eurostat**<br>[demo_fordager]<br>SDG 3.7<br>**Eurostat** [SDG_03_60] |

| **Indikaturi tal-proċess għall-objettiv 6: It-titjib tas-saħħa tar-Rom u ż-żieda tal-aċċess effettiv tar-Rom għal servizzi tal-kura tas-saħħa** |
|---|
| **Indikatur – Dimensjoni A – Struttura istituzzjonali** |
| • is-sistema tal-medjazzjoni tas-saħħa hija istituzzjonalizzata u integrata fl-istrutturi rilevanti tal-amministrazzjoni tas-saħħa;<br>• hemm sistema ta' inkoraġġiment u appoġġ għall-perspettivi tal-iżvilupp tal-karriera tal-medjaturi tas-saħħa li jixtiequ jsiru professjonisti tas-saħħa;<br>• hemm fis-seħħ sistema għall-forniment ta' servizzi tas-saħħa preventivi għar-Rom fil-getti u fl-istabbilimenti segregati/remoti;.<br>• l-ispettorati reġjonali tas-saħħa għandhom ir-riżorsi (finanzjarji u umani) biex jiżguraw li l-programmi tat-tilqim u l-immunizzazzjoni fil-livell nazzjonali għat-tfal u għall-anzjani kif ukoll is-servizzi preventivi bħal testijiet tad-demm u skrinjar tal-kanċer jilħqu lill-komunitajiet Rom ukoll |
| **Indikatur – Dimensjoni B – Miżuri u azzjonijiet partikolari** |
| • hemm fis-seħħ programmi ta' sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa mfassla apposta għall-isfidi speċifiċi għas-saħħa li jiffaċċjaw ir-Rom (inklużi stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u n-nutrizzjoni); |

| |
|---|
| • jeżistu programmi tas-saħħa preventivi li jilħqu lill-gruppi ta' riskju, inklużi r-Rom;<br>• jiġu organizzati kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jippromwovu l-fehim tal-ħtieġa għat-tilqim;<br>• it-tilqim tat-tfal u tal-anzjani (influwenza) huwa affordabbli u qed isir;<br>• l-iskrinjar preventiv tas-saħħa tat-tfal isir b'mod regolari mingħajr ħlas, b'miżuri ta' segwitu għall-gruppi ta' riskju;<br>• jeżistu programmi ta' kura ta' qabel it-twelid li jimmiraw lejn nisa żvantaġġati u servizzi ta' qabel it-twelid jiġu pprovduti fuq bażi regolari;<br>• jesiżtu skemi ta' monitoraġġ tas-saħħa tal-ommijiet u tat-tfal sal-età ta' tliet snin b'enfasi speċifika fuq il-gruppi żvantaġġati;<br>• jingħata regolarment taħriġ immirat lejn il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u l-anti-Żingariżmu lill-persunal tas-saħħa;<br>• hemm fis-seħħ kampanji ta' sensibilizzazjoni u kampanji relatati mas-saħħa mmirati lejn il-komunitajiet Rom. |
| **Indikatur - Dimensjoni C - Kwalità tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet** |
| • hemm fis-seħħ miżuri li jiżguraw il-parteċipazzjoni tar-Rom fl-iżvilupp tar-reazzjonijiet politiċi fil-qasam tas-saħħa;<br>• qed jiġu żviluppati miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-qasam tas-saħħa bi sħubija mal-OSĊ tar-Rom;<br>• l-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-programm operattiv tal-fondi tal-UE li permezz tiegħu qed jiġu implimentati l-miżuri speċifiċi għat-titjib tal-aċċess tar-Rom għas-servizzi tal-kura tas-saħħa;<br>• l-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-monitoraġġ tar-riżultati tal-miżuri implimentati fil-qasam tas-saħħa;<br>• l-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni tal-gvern (ċentrali u lokali) jinkludu kontribut mis-soċjetà ċivili tar-Rom, b'mod partikolari min-networks ta' medjaturi tas-saħħa tar-Rom, fil-proċessi tagħhom tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tas-saħħa. |

## Objettiv 7: Jiżdied l-aċċess effettiv ugwali għal akkomodazzjoni adegwata desegregata u għas-servizzi essenzjali[9]

| **Indikatur ewlieni:** | **Il-Popolazzjoni ġenerali** |
|---|---|
| **15) Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni deprivata (f'appartament li jkun mudlam ħafna jew li jkollu saqaf iqattar, ħitan jew art niedja jew ma jkollux banju/doċċa jew toilet fuq ġewwa)** | **Eurostat** [tlessi 291] |
| **16) Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'unità domestika li ma għandhiex in-numru minimu ta' kmamar skont id-definizzjoni tal-Eurostat ta' iffullar** | **Eurostat** [ilc_lvho05a / SDG_11_10]<br>SDG 1, SDG 11 |
| **17) Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'unità domestika mingħajr ilma tal-vit fid-dar (pajjiżi magħżula biss)** | **Eurostat** [ilc_mdho05]<br>SDG 6.1.1 |
| **Indikaturi tal-eżitu<br>Sekondarji (fakultattiv)** | |
| **Indikatur** | **Il-Popolazzjoni ġenerali** |
| Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'unità domestika mingħajr toilet, doċċa jew kmamar tal-banju fid-dar | **Eurostat** [ilc_mdho05 / SDG_06_10]<br>SDG 6 |

[9] Bħall-ilma tal-vit, sanità adegwata, servizzi ta' ġbir u ġestjoni tal-iskart, l-elettriku, il-gass, l-aċċess għat-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali (f'konformità mal-prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali).

| | |
|---|---|
| Is-sehem ta' nies li jgħixu f'abitazzjoni b'saqaf iqattar, ħitan, art jew pedamenti umdi jew tmermir fil-gwarniċi tat-twieqi jew fl-art | **Eurostat** [SDG_01_60]<br>SDG 1 |
| Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'unità domestika li f'dawn l-aħħar 12-il xahar ġew imġiegħla jitilqu mill-akkomodazzjoni jew minn ċentru residenzjali | mhux applikabbli |
| Il-proporzjon ta' persuni li għandhom iktar minn 16-il sena li ħassewhom iddiskriminati minħabba li huma Rom f'dawn l-aħħar ħames snin meta kienu qed ifittxu akkomodazzjoni | mhux applikabbli/potenzjalment FRS |
| **Għandha tiġi żviluppata aktar:**<br>Segregazzjoni residenzjali.<br>Indikatur(i) li jirrifletti/u l-aspetti ġeografiċi tas-sitwazzjoni tar-Rom.<br>Aċċess għal servizzi u infrastruttura bażiċi fiż-żona (servizzi tas-saħħa, trasport pubbliku, skejjel, indukrar tat-tfal, eċċ.) minħabba d-distanza, l-ispejjeż, il-ħinijiet tal-ftuħ jew in-nuqqas ta' servizz.<br>Il-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni illegali jew mhux regolata. | mhux applikabbli<br>mhux applikabbli |

| **Indikaturi tal-proċess għall-objettiv 7: Iż-żieda tal-aċċess effettiv tar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata desegregata u servizzi essenzjali** |
|---|
| **Indikatur – Dimensjoni A – Struttura Istituzzjonali** |
| • l-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom jew id-dokumenti ta' politika relatati jinkludu miżuri espliċiti għall-ġlieda kontra s-segregazzjoni residenzjali;<br>• hemm linji gwida ċari għall-iżgumbramenti u dawn huma implimentati b'mod effettiv biex jipproteġu kontra l-iżgumbramenti irregolari;<br>• hemm fis-seħħ linji gwida ċari għall-iżgumbramenti u jkunu implimentati b'mod effettiv biex jipproteġu lill-unitajiet domestiċi bit-tfal;<br>• jingħalqu l-lakuni eżistenti fir-regolamentazzjoni tal-akkomodazzjoni li jipprevjenu l-legalizzazzjoni tal-istokk tal-akkomodazzjoni mhux regolat fil-viċinati tar-Rom;<br>• il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-valutazzjoni għall-proġetti ffinanzjati mill-UE li jtejbu l-infrastruttura f'lokalitajiet bi proporzjon għoli ta' Rom fil-popolazzjoni jipprovdu punti speċifiċi għall-kumpaniji li jimpjegaw jew li huma operati mir-Rom;<br>• hemm fis-seħħ politiki li jinkoraġġixxu u jappoġġjaw inizjattivi lokali ta' awtogħajnuna fil-livell komunitarju fil-qasam tal-akkomodazzjoni;<br>• il-ħtiġijiet taċ-ċentri residenzjali u s-siti għall-karavans jiġu vvalutati regolarment;<br>• hemm fis-seħħ mekkaniżmi li jiżguraw li r-Rom igawdu d-dritt għal ilma sikur u għas-sanità b'mod effettiv. |
| **Indikatur – Dimensjoni B – Miżuri u azzjonijiet partikolari** |
| • salvagwardji u kriterji espliċiti għall-inklużività tas-servizzi u tal-programmi mainstream tal-akkomodazzjoni huma riflessi fl-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom;<br>• hemm fis-seħħ miżuri mmirati biex jipprovdu appoġġ għal żoni soċjalment żvantaġġati, bl-objettiv li tonqos is-segregazzjoni;<br>• hemm fis-seħħ miżuri mmirati b'riżorsi finanzjarji garantiti biex itejbu l-infrastruttura pubblika għal żoni żvantaġġati fir-rigward tat-toroq, l-ilma, is-sanità, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-faċilitajiet tad-drenaġġ;<br>• hemm fis-seħħ programm ta' "l-ewwel l-akkomodazzjoni";<br>• jingħata taħriġ immirat lejn l-indirizzar tad-diskriminazzjoni u tal-anti-Żingariżmu fl-akkomodazzjoni lill-persunal fis-servizzi tal-akkomodazzjoni u fl-uffiċċji muniċipali;<br>• immappjar u monitoraġġ ta' stabbilimenti u kampijiet żvantaġġati jitwettqu fuq bażi regolari;<br>• monitoraġġ tal-aspetti tal-akkomodazzjoni (l-għadd ta' unitajiet lokali tal-akkomodazzjoni li jeħtieġu valutazzjoni) jitwettaq fuq bażi regolari. |
| **Indikatur - Dimensjoni C - Kwalità tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet** |

- hemm fis-seħħ miżuri li jiżguraw il-parteċipazzjoni tar-Rom fl-iżvilupp tar-reazzjonijiet ta’ politika fil-qasam tal-akkomodazzjoni;
- qed jiġu żviluppati miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-qasam tal-akkomodazzjoni bi sħubija mal-OSĊ tar-Rom;
- interventi fil-qasam tal-akkomodazzjoni mmirati lejn ir-Rom (b’mod partikolari d-desegregazzjoni) huma żviluppati u implimentati bil-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-komunità Rom;
- l-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-kumitati ta’ monitoraġġ tal-programm operattiv tal-fondi tal-UE li permezz tiegħu qed jiġu implimentati l-miżuri speċifiċi biex titjieb is-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni u, b’mod partikolari, id-desegregazzjoni;
- l-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-monitoraġġ tar-riżultati tal-miżuri implimentati fil-qasam tal-akkomodazzjoni, b’mod partikolari d-desegregazzjoni;
- l-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni tal-gvern (ċentrali u lokali) jinkludu kontribut mis-soċjetà ċivili tar-Rom, b’mod partikolari min-networks tal-medjaturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni tar-Rom, fil-proċessi tagħhom tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-akkomodazzjoni.

**Objettiv 7-a: Il-ġlieda kontra t-tiċħid ambjentali, il-promozzjoni tal-ġustizzja ambjentali**

<table>
<tr><th colspan="2">Indikaturi tal-eżitu<br>Sekondarji (fakultattiv)</th></tr>
<tr><th>Indikatur</th><th>Il-Popolazzjoni ġenerali</th></tr>
<tr><td>Il-proporzjon ta’ Rom li jgħixu f’unità domestika li fl-akkomodazzjoni tagħhom għandhom minn dawn il-problemi: tniġġis, ħmieġ jew problemi ambjentali oħra fiż-żona lokali bħal: duħħan, trab, intejjen jew ilma mniġġes</td><td>Eurostat [ilc_mddw02]</td></tr>
<tr><td colspan="2">Indikaturi tal-eżitu: Sekondarji (fakultattivi): Għad ma hemmx indikaturi żviluppati f’dan il-qasam, oqsma tematiċi possibbli li jistgħu jiġu żviluppati huma:<br>L-esponiment għall-kundizzjonijiet ambjentali tal-għajxien li huma perikolużi u assoċjati ma’ riskji għas-saħħa:<ul><li>l-għajxien f’żoni suxxettibbli għal diżastri naturali (skont it-tip ta’ diżastru – għargħar tax-xmajjar, għargħar għall-għarrieda, l-uqigħ tal-art, eċċ.);</li><li>jgħixu f’żoni ambjentalment perikolużi (skont it-tip – miżbliet jew siti ta’ miżbliet, siti industrijali abbandunati, minjieri, eċċ.);</li><li>l-esponiment għal fatturi perikolużi (skont it-tip – l-għajxien f’żoni mniġġsa, li jiddependu minn sorsi tal-ilma mhux ittrattati u kkontaminati, esposti għal emissjonijiet tossiċi, radjazzjoni elettromanjetika eċċ.);</li><li>xogħol f’impjiegi perikolużi inkluż xogħol f’żoni deżolati, fid-dumpsters eċċ. u mingħajr protezzjoni adegwata;</li><li>jgħixu f’żoni b’nuqqas ta’ infrastruttura bħal ilma tajjeb għax-xorb, trattament tal-ilma mormi, toroq miksija, ġbir tal-iskart, eċċ.;</li><li>il-proporzjon ta’ unitajiet domestiċi li jiddependu fuq il-ħruq ta’ skart solidu biex isaħħnu id-dar tagħhom.</li></ul></td></tr>
</table>

<table>
<tr><th>Indikaturi tal-proċess għall-objettiv 7-a: Il-ġlieda kontra t-tiċħid ambjentali, il-promozzjoni tal-ġustizzja ambjentali</th></tr>
<tr><td>Indikatur – Dimensjoni A – Struttura istituzzjonali</td></tr>
<tr><td><ul><li>l-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom jew dokumenti ta’ politika relatati jinkludu miżuri espliċiti għall-ġlieda kontra t-tiċħid ambjentali u l-promozzjoni tal-ġustizzja ambjentali;</li><li>il-linji gwida għall-implimentazzjoni jiżguraw aċċess prijoritarju għall-akkomodazzjoni soċjali tar-Rom li jgħixu f’żoni ambjentalment perikolużi;</li><li>l-istandards għas-sikurezza tad-djar u l-prevenzjoni tal-għajxien f’kundizzjonijiet perikolużi huma infurzati b’mod strett;</li></ul></td></tr>
</table>

| |
|---|
| • titwettaq valutazzjoni ambjentali ta' siti ta' bini ġodda u taċ-ċentri residenzjali<br>• hemm fis-seħħ mekkaniżmi effettivi li jiżguraw l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol li huma rilevanti għall-ambjent. |
| **Indikatur – Dimensjoni B – Miżuri u azzjonijiet partikolari** |
| • hemm fis-seħħ miżuri mmirati b'riżorsi finanzjarji siguri għar-risistemazzjoni ta' familji Rom li jgħixu f'żoni ambjentalment perikolużi;<br>• titwettaq valutazzjoni tal-impatt tal-politiki u d-dispożizzjonijiet dwar l-akkomodazzjoni mmirati għar-Rom fir-rigward tal-fatturi ambjentali;<br>• l-impatt ambjentali tal-politiki u r-riskji ambjentali għar-Rom huma indirizzati fl-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom. |
| **Indikatur - Dimensjoni C - Kwalità tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet** |
| • jiġu żviluppati miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali fiż-żoni fejn jgħixu r-Rom (b'mod partikolari f'komunitajiet ta' Rom segregati) fi sħubija mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mar-residenti Rom mil-lokalitajiet ikkonċernati;<br>• interventi fil-qasam tal-ambjent sigur u sostenibbli mmirati lejn ir-Rom (b'mod partikolari, il-komunitajiet segregati tar-Rom) huma żviluppati u implimentati bil-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-komunità Rom<br>• is-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-programm operattiv tal-fondi tal-UE li permezz tiegħu qed jiġu implimentati l-miżuri speċifiċi biex tittejjeb is-sitwazzjoni ambjentali fl-oqsma fejn jgħixu r-Rom (b'mod partikolari fil-komunitajiet Rom emarġinati);<br>• is-OSĊ tar-Rom jipparteċipaw fil-monitoraġġ tar-riżultati tal-miżuri implimentati biex itejbu s-sitwazzjoni ambjentali f'żoni fejn jgħixu r-Rom (b'mod partikolari f'komunitajiet Rom segregati);<br>• l-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni tal-gvern (ċentrali u lokali) jinkludu input mis-soċjetà ċivili tar-Rom, b'mod partikolari min-networks tal-medjaturi tas-saħħa tar-Rom, fil-proċessi tagħhom tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tas-saħħa. |